MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 375/2007/1

**Emanuela Borg**

**v.**

**Mario Celeste**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fl-1 ta’ Ottubru 2007 li jaqra hekk:
“Illi hija n-nanna materna taż-żewġ minuri A.B. ta’ ħdax-il sena u C.D. ta’ sentejn ulied bintha DA.B.e Celeste u

żewġha l-konvenut u dan kif jirriżulta mill-annessi ċertifikat tat-twelid markati Dok. A u B.

"Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru 2006, fl-ismijiet DA.B.e Celeste pro et noe vs Mario Celeste, il-kura u l-kustodja taż-żewġ minuri A.B. u C.D. ġiet affidata f'idejn il-konvenut.

"Illi sa mix-xahar ta' Jannar 2007 il-konvenut wera li ma huwiex idoneju illi jassumi l-kura u l-kustodja ta' uliedu A.B. u C.D., b'dan illi ma kienx qiegħed jaġixxi ta' missier responsabbli versu wliedu u dan kif ser jiġi pruvat ampjament fil-kors tal-kawża.

"Illi l-konvenut wera u għadu juri li ma hux kapaċi li jrabbi l-erba' wliedu u fl-istess hin ikun impenjat fuq xogħol sal-ħinijiet bikrin ta' filgħodu, u dan kif ġie ampjament pruvat mir-rapporti reċenti mħejjin mill-Aġenzija Appoġġ.

"Illi l-esperjenza wriet illi l-attriċi nanna materna hija idoneja illi tassumi l-kura u l-kustodja taż-żewġ minuri A.B. u C.D..

"Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma seħħitx u dan peress illi l-konvenut qatt ma attenda għas-seduti.

"Igħid għalhekk il-konvenut għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għalfejn m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"1. Taffida lill-attriċi l-kura u l-kustodja taż-żewġ minuri A.B. u C.D..

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut tal-10 ta' Dicembru 2007 li in forza taghha eccepixxa:
"1. Illi preliminarjament jiġi sottomess li l-mertu ta' din il-kawża huwa *res judicata stante* li l-istess pretensjonijiet u allegazzjonijiet miġjuba quddiem l-Onorabbli Qorti diga` ġew deċiżi mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza

datata l-ewwel (1) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u sitta (2006) (rikors numru 2783/97) (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. MC 1) fejn l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fdat il-kura u l-kustodja tal-minuri A.B. u C.D. Celeste esklussivament f’idejn l-esponent, b’aċċess favur ommhom DA.B.e Celesta, liema aċċess ikun eżerċitat biss bil-preżenza ta’ terzi;

“2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kawża odjerna ġiet intavolata unikament bl-intenzjoni li *tramite* n-nanna materna tal-minuri, DA.B.e Celeste bħala l-omm naturali, fil-prattika terġa’ tkun fdata fil-kura w l-kustodja tal-minuri u dan *stante* li hija tgħix flimkien ma’ ommha. Fil-fatt, DA.B.e Celeste hija ben konsapevoli tal-fatt li jkollha diffikultajiet serji sabiex tipprova li hija omm idoneja, kif fil-fatt ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell *stante* li għandha problemi relatati mal-logħob tal-ażżard u l-prostituzzjoni;

“3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorrenti mhix persuna idoneja sabiex tkun fdata bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri;

“4. Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti mhix ġenitur tal-minuri u għaldaqstant, il-kawża odjerna hija karenti minn interess ġuridiku;

“5. Illi wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti ma setgħetx tintavola din il-kawża bl-esklużjoni ta’ żewġha;

“6. Illi mingħajr preġudizzju l-esponent tiċħad l-allegazzjonijiet kollha miġbura kontrih bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawża;

“Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-22 ta’ Mejju, 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi assenjat il-kura u kustodja tal-minuri C.D. u A.B. f’idejn l-attrici b’dan li ghandu jkun assigurat li

ommhom ma tkun qatt wahedha maghhom; tordna li l-konvenut ikollu access ghalihom bejn is-Sibt fl-10:00a.m sal-Hadd f'nofsinhar u hut it-tfal minuri li huma maggorenni u cioe` G.H. u E.F. ghandu jkollhom access liberu ghal huthom. Spejjez tal-kawza jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi kif ġia` ingħad l-attriċi qed titlob li tingħata l-kura u kustodja tal-minuri msemmija. Il-minuri huma ulied bintha u l-konvenut li kien ġie assenjat din il-kura u kustodja mill-Qorti tal-Appell f'Diċembru 2006. Dik is-sentenza kienet bidlet dik mogħtija preċedentement minn din il-Qorti li kienet assenjat il-kura u kustodja lill-istess attriċi *purche'* omm it-tfal ma jkollhiex aċċess għalihom mingħajr il-preżenza tal-attriċi.

"Dan il-każ ċertament jippreżenta problema reali għall-Qorti fis-sens li mhux faċli li wieħed jasal għal deċiżjoni ta' x'ikun fl-aħjar interess tal-minuri. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza msemmija dehrilha li fejn hemm ġenitur li jista' jieħu ħsieb it-tfal huwa għandu jkun assenjat il-kura u kustodja. Kien għalhekk li bidlet dak li ġie ordnat bis-sentenza tal-Qorti tal-Familja preċedentement.

"Kif ġia` ingħad il-konvenut u martu kellhom erbat itfal li minnhom it-tnejn il-kbar huma maġġorenni. Dawn jgħixu ma' missierhom u l-Qorti ħadet impressjoni tajba tagħhom fis-sens li għalkemm ma hemmx dubbju li l-familja għaddiet minn trawma kbira bis-separazzjoni tal-ġenituri (u l-mod kif isseparaw) jidhru li għandhom sens biżżejjed (speċjalment H, il-kbira li għad għandha għoxrin sena) biex jimxu l-quddiem f'ħajjithom. Il-Qorti tħoss ukoll li l-konvenut qed jagħmel li jista' biex imexxi l-familja iżda fl-istess ħin wera ċertu nuqqas ta' maturita` kemm fil-mod kif iz-żwieġ tiegħu tfarrak (naturalment mhux tort tiegħu biss) u anke f'affarijiet oħra. Per eżempju ma kienx matur fil-fatt li kellu relazzjoni (hu jgħid li issa ntemmet) ma' tfajla li tiġi iżgħar minn bintu. Din kienet ħaġa li pperturbat lil uliedu żgur speċjalment il-kbar li għandhom is-sens jaraw x'qed jiġri.

"Naturalment fejn jidħol il-ġid tal-minuri l-fatt li l-kawża bejn il-konvenut u martu kienet ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell u għaddiet in ġudikat ma jfissirx li l-Qorti ma tistax terġa' tiddeċiedi mod ieħor dejjem fir-rigward tat-tfal minuri (artikolu 60 (2) tal-Kodiċi Ċivili). Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut mhix fondata.

"Il-Qorti tħoss ukoll li *nonostante* li għandha aktar minn sittin sena l-attriċi hija f'pożizzjoni għalissa tieħu ħsieb il-minuri u jidher ċar li magħha ma jonqoshom xejn. It-tfal iħossuhom maqsumin għaliex filwaqt li għandhom l-imħabba lejn missierhom japprezzaw hafna dak li qed tagħmel magħhom in-nanna u ma hemmx dubbju lanqas li mill-*punto di vista* ta' ikel per eżempju l-konvenut ma jistax jipprovdilhom l-istess kwalita` li qed toffri l-attriċi bit-tisjir tagħha. Anke fir-rigward ta' skola it-tfal qed jintbagħtu regolarment u *nonostante* akkużi reċiproċi jidher li *piu o meno* dan kien dejjem il-każ. Kien għalhekk f'waqtu l-kumment redatt mill-Aġenzija Appoġġ li fis-sitwazzjoni li qegħdin il-partijiet messhom qed jikkoperaw fl-aħjar interess tat-tfal u mhux jiġġieldu fuqhom. Il-Qorti pero` lanqas ma tista' tħalli dak li xehdet Simone Mulholland (bint l-attriċi u zija tat-tfal) fir-rigward tal-komportament tat-tfal liema diskors mhux se tirrepeti iżda tagħmel biss riferenza għalih – għal raġunijiet ċari, mingħajr ma tikkumenta li dan juri li l-konvenut *nonostante* l-isforzi tiegħu qed ikollu ċertu effett negattiv (probabbilment minħabba l-imġieba tiegħu stess) fuq it-trobbija tal-minuri.

"Il-Qorti kollox ma kollox tħoss li kif inhi s-sitwazzjoni bħalissa u ċioe` bl-effett tad-digriet tagħha tat-13 ta' Ottubru 2008 u l-5 ta' Novembru 2008 għandha tiġi kkonsolidata; fl-istess ħin terġa' tagħmel enfasi fuq dak li kienet ordnat din il-Qorti fis-sentenza preċedent tagħha u ċioe` li omm it-tfal ma għandha qatt titħalla waħedha mal-minuri u jekk din hija inizjattiva tagħha kif qed jallega l-konvenut biex tieħu lura t-tfal b'mod indirett dan ma għandux jitħalla jsir. <u>*Oltre* dan ma għandu jkun hemm ebda impediment biex it-tfal maġġorenni jkollhom kuntatt ma ħuthom</u>."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hawn premessi, talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza fl-ismijiet **Emanuela Borg v. Mario Celeste**, Citazzjoni Numru 375/2007 deciza nhar it-22 ta' Mejju tas-sena 2009 u filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellanti, tichad it-talbiet attrici u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri A.B. u C.D. Celeste lill-konvenut appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

Rat ir-risposta tal-attrici (fol. 215) li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet lil din il-Qorti joghgobha tirrespingi u tichad l-appell imressaq mill-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Ottubru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ghall-kura u l-kustodja ta' zewg minuri (ta' madwar erbatax-il sena u hames snin) ta DA.B.e u Mario Celeste. Din il-Qorti b'sentenza li tat fl-1 ta' Dicembru 2006, fil-kuntest ta' kawza ta' separazzjoni li DA.B.e Celeste istitwiet kontra zewgha, kienet sabet lill-omm bhala mhux idonea biex tiehu hsieb it-trobbija tat-tfal taghha, u afdat il-kura u l-kustodja tal-minuri lill-missier. Issa, b'dawn il-proceduri, l-attrici, li tigi omm DA.B.e Celeste, qed tallega li missier it-tfal, il-konvenut, wera ruhu inkompetenti u mhux kapaci jindokra lil uliedu u jahseb ghat-trobbija sana tal-istess tfal. L-ewwel Qorti semghet hi l-provi li ressqulha l-partijiet, u anke talbet l-ghajnuna ta' *social worker* biex tassistiha fil-kompitu difficli li kellha quddiemha, u waslet ghall-konkluzjoni li jkun ahjar li l-minuri jitrabbew min-nanna materna taghhom, milli jibqghu ma' missierhom.

Il-konvenut, missier l-ulied, appella minn din id-decizjoni peress li jhoss li t-trobbija tieghu kienet tajba u ma jimmeritax li jigi mcahhad mill-kura u l-kustodja ta' wliedu.

Din il-Qorti trid tirrimarka mill-bidu li apparti l-fatt li d-decizjoni li tat fl-1 ta' Dicembru, 2006, a favur il-missier, inghatat wara analizi li saret ta' min kien l-aktar idoneju jiehu hsieb it-tfal miz-zewg genituri, waqt li f'din il-kawza hija n-nanna materna li qed tfittex li tiehu kustodja tat-tfal fil-konfront tal-attwali kustodju, f'kull kaz, fejn jidhlu l-interessi tal-minuri, ma jezisti ebda gudikat u jekk ikun hemm bdil ta' cirkostanzi, jew anke jingiebu ghall-attenzjoni tal-Qorti fatti li ma kienux ingiebu a konjizzjoni taghha fi proceduri precedenti, allura l-Qorti tista' tvarja d-decizjonijiet taghha, dejjem fl-ahjar interess tal-minuri kif jirrizultala mill-atti. Fejn jidhol l-interess tat-tfal, il-Qorti tista' taghti kull provvediment li fil-fehma taghha jkun idoneju, u ghalkemm, bhala regola, it-trobbija tal-ulied ghandha tigi fdata lill-genituri jew wiehed minnhom (f'kaz ta' firda personali), mhux eskluz li l-istess tigi fdata lil terza persuna jekk hekk ikun jidher ahjar.

Din il-Qorti trid tirrileva wkoll li, trattandosi ta' minuri, in-nanna materna ghandha zgur interess guridiku tfittex ghal dak li hu fl-ahjar interess tan-neputijiet taghha. Dan mhux kaz fejn hi qed tipprova tintrometti ruhha f'kawza bejn il-genituri, fejn allura jkun jista` jinghad li fiha jkun nieqes l-interess guridiku li tipprova tiehu l-kura tan-neputijiet f'idejha. F'dan il-kaz, hi resqet proceduri *ad hoc* fejn qed titlob li tinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri, ghax fil-fehma taghha mhux qed jittrabbew sew minn missierhom. La darba l-omm kienet u, milli jidher, ghadha inkapaci tiehu hsieb hi t-trobbija tat-tfal, ma hemm xejn irregolari li tindahal in-nanna. L-attrici, ghalkemm ressqet il-kawza wahedha, hija appoggjata minn zewgha, in-nannu matern tat-tfal, li xehed li hu wkoll jixtieq ikun involut fit-trobbija tat-tfal. Din il-Qorti hi tal-fehma li jkun utli li taghmel referenza ghal dak li osservat fil-kawza **Micallef v. Micallef** deciza fis-27 ta' Mejju, 2005, u partikolarment ghall-kwotazzjoni li saret minn sentenza precedenti taghha tal-1956 fis-sens illi:

"… … … 'apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti *in subjecta materia*, li jiddetermina normalment u generalmnet il-kwistjonijiet bhala din insorta f'din il-kawza, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantagg u nteress tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u *de facto* li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut' u 'Fil-kamp li fuqu qeghdin nitkellmu, ghalkemm il-parti umanitarja ghandha certament l-importanza taghha fir-relazzjoni tal-persuni li jkunu taw il-hajja lill-istess minuri, eppure l-istess ma ghandhiex tipprevali fuq l-interess u vantagg dirett tal-istess tfal; bhal ma ghandhiex ikollha fil-hajja ta' kuljum – kif l-esperjenza tghallem – prevalenza l-affezzjoni jew l-attakkament lejn persuna, anki jekk dettat min-natura, fuq id-dover impost mir-raguni fl-azzjonijiet tal-bniedem tant bhala membru tal-familja, kemm bhala membru tal-komunita` li lilha jkun jappartjeni.  Meta l-ghajn tar-raguni, f'xelta tal-azzjoni li bniedem ikun irid ta' bilfors jaghzel li jaghmel, turi dover impellenti versu certa linea ta' kondotta, ghalkemm dik l-ghazla tkun timporta azzjoni drastika fil-kap umanitarju, eppure dik il-hruxija ma tkunx hlief apparentement tali: in kwantokke` li bilanci tal-mohh id-dover, li jeleva l-bniedem, u mhux ibaxxieh, ikun ghaleb kwalunkwe konsiderazzjoni ohra li di fronti ghalieh (dover) tkun anqas tajba u anqas dinjituza'."

(sottolinear ta' din il-Qorti ghall-fini ta' din il-kawza).

Dan premess, biex b'hekk jigu imwarrba l-eccezzjonijiet ta' natura aktarx legalistici u procedurali tal-konvenut, din il-Qorti trid issa tara ghandhiex thalli l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn il-missier jew tafdax l-istess f'idejn in-nanna materna.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti u tara li, fil-verita`, ma jirrizultawx l-estremi biex din il-Qorti cahhad lill-missier mill-kura u l-kustodja tat-tfal.  Hu veru li hu jahdem u li man-nanna t-tfal ikunu "ahjar" (kif generalment dejjem ikun il-kaz peress li n-nanniet ikollhom rabta specjali mat-tfal tat-tfal), izda, b'daqshekk, missier m'ghandux jigi mcahhad milli jrabbi hu lil uliedu.  Ghand in-nanna, in-

neputijiet "ma jkun jonqoshom xejn", u l-ikel tan-nanna, hafna drabi, ikun ahjar minn dak li jista' jhawwar (jew ihawwad!) il-missier – izda dan m'ghandux itellef lill-missier minn dak li, aktar milli dritt, hu obbligu tieghu, u cioe` li jiehu hsieb uliedu. Altrimenti, kull meta l-omm ma tkunx tista' trabbi lill-ulied hi, "tirbah" dejjem in-nanna fuq il-missier! Dan tal-ahhar irid jahdem biex jiehu hsieb lill-uliedu, u lanqas ma jkollu dik l-esperjenza f'"home management" li jkollha n-nanna, pero`, jibqa' l-fatt li, sakemm il-komportament tieghu ma jkunx ta' hsara ghal ulied, it-tfal ghandhom jigu mrobbija mill-genitur.

F'din il-kawza, l-attrici sahqet hafna fuq li l-missier jitraskura l-edukazzoni taghhom, pero`, f'rapport li gie mhejji minn *social worker* f'Gunju tal-2008, ghal zmien li t-tfal kienu mal-missier, din il-Qorti ma jirrizultalha xejn minn dan. Fir-rigward tat-tifel iz-zghir, hi osservat li "Il-kap tal-iskola u l-*kindergarten assistant* tieghu qablu li l-minuri qieghed jidra ghall-iskola b'mod pozittiv, dejjem jitwassal l-iskola fil-hin, ghandu attendenza regolari, ikun nadif u bil-*lunch* addattat ghall-eta` tieghu". Dan ixejjen dak li tghid in-nanna li t-tifel ikun mahmug, ma jintbghatx l-iskola u jithalla bil-guh! Meta n-nanna kellha l-kustodja temporanja tat-tifel, qabdet u biddlitlu l-iskola; ma kienx hemm ghalfejn taghmel dan ghax it-tifel kien sejjer tajjeb u dak li ghamlet, forsi ghamlitu aktar ghall-konvenjenza taghha (il-vicinanza tal-iskola ghal fejn toqghod hi) milli tat-tifel.

Fir-rigward tal-kbir, l-istess *social worker* qalet li meta tkellmet mal-*assistant head* tal-iskola fejn jattendi, dan qallilha li t-tifel "jimpejnja ruhu fl-iskola meta jkollu attenzjoni individwali (it-tifel hu *dyslexic* u jkollu bzonn attenzjoni individwali minn *facilitator*), jigi nadif, u l-missier jiehu interess fl-edukazzjoni" tieghu.

Dawn huma rapporti "favorevoli" ghall-missier, u ghalkemm issa, li t-tfal ilhom ftit xhur ighixu man-nanna, ir-rapport li nhareg huwa pozittiv fil-konfront taz-zewgt itfal, jibqa' l-fatt li meta kienu mal-missier kienu tajjeb ukoll.

Saru allegazzjonijiet serji li l-missier qed jaghti ezempji hziena lit-tfal u jaghmel atti ta' adulti quddiemhom. Gie allegat ukoll li t-tfal qed jitghallmu jidghu minn missierhom. Apparti li l-missier cahad l-involviment tieghu f'affarijiet bhal dawn, jekk jezistu, mill-atti ma jirrizultax pruvat l-ezempju hazin tal-missier. Li z-zghir beda jidghi jirrizulta (ghalkemm l-estremita` tad-dagha kif irrekordjata min-nanna tinkuti suspetti li kienet xi messa in xena mill-istess nanna), pero`, la hemm prova li l-missier hu s-sors ta' tali kliem hazin, u lanqas hemm rapporti mill-iskejjel dwar dan l-atteggjament taz-zghir. Is-*social worker* li kellmet lit-tfal ma rriskontrat ebda tendenza ghad-dagha, u anke meta ghamlet visita ghall-gharrieda, ma semghet ebda kliem hazin jew dagha. Il-missier ighid li anke meta jisma' l-kelma "haqq", iwaqqaf lit-tifel mill-ewwel, u, kif ikkonfermat is-*social worker*, il-missier "jiddixxiplina lill-ulied b'tali mod li hareg car". Forsi n-nanna, anke minhabba l-eta` avvanzata taghha, mhix kapaci trazzan lit-tifel, li meta jkun maghha jrabbi arja zejda? Ma jirrizulta minn imkien li l-missier ghandu l-vizzju tad-dagha u ma jirrizultax li hu qed jitraskura din il-parti tat-trobbija tal-ulied.

Ghar-rigward ta' ezempji hziena konnessi ma' atti ta' adulti, hawn ukoll il-prova hi ftit fjakka. Is-*social worker* li kienet inkarigata issegwi l-kaz f'ebda rapport ma ssemmi jew tirreferi ghal xi mgieba "pastaza" (kif issejhilha l-attrici) jew dizonesta, kif lanqas qatt ma kien hemm xi forma ta' rapport jew ilment f'dan is-sens da parti tal-iskola tal-istess minuri. L-ewwel Qorti tkellmet mat-tfal, izda mis-sentenza taghha ma jidhirx li hadet xi konferma ta' xi atteggjament negattiv da parti tal-missier. Ix-xhieda ta' Simone Mulholland (bint ohra tal-attrici u z-zija tat-tfal) hija impressjonanti u, fil-verita, tkexkxek f'dak li qalet rigward iz-zghir. Min-naha l-ohra, meta qed nitkellmu fuq tifel li fl-epoka jidher li kellu tlett snin (meta din xehdet fi Frar tal-2009, qalet li qed titkellem fuq iz-zghir li "illum" ghandu erba' snin), din il-Qorti issibha difficli li taccetta l-esagerazzjonijiet sesswali li din iddeskreviet u attribwiet liz-zghir. Din il-Qorti, pero`, biex jigi evitat kull dubju, sejra tinkariga lis-*social worker* li qed issegwi dan il-kaz biex tindaga specifikament, u b'mod diskret u professjonali b'mod li ma ssir ebda hsara jew tigi kagunata xi trawma

lill-minuri, fuq l-allegazzjonijiet ta' din Simone Mulholland (jinsabu a fol. 108 sa fol. 110 tal-process) u fiz-zmien xahrejn mil-lum tirrapporta lil din il-Qorti r-rizultanzi. Wara, il-Qorti tirriserva li tiehu l-provvedimenti li jidhrilha xierqa, li jistghu jkunu, per ezempju, li jorbtu lill-missier jipprovdi ghat-tifel kors ta' terapija ghand psikologu a spejjez tieghu. S'intendi din il-Qorti tista' wkoll tipprovdi b'mod differenti dwar il-kustodja tat-tfal.

Din il-Qorti taghmilha cara wkoll li hi kkunsidrat anke l-veduti tat-tfal. Iz-zghir ighid li hu jhobbha hafna lin-nanna materna u li jhobb lill-missieru u hutu hafna wkoll. Il-kbir kien aktar diplomatiku u filwaqt li qal li hu kuntent kif inhu, qal li ma jhobbx jidhol bejn in-nanna materna u missieru, u li jippreferi jhalli f'idejn l-imhallef dwar l-arrangamenti ta' ma' min ighix.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet indikati, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u tichad it-talbiet attrici. Din il-Qorti qeghda, pero`, tordna lill-Agenzija Appogg sabiex tinkariga lis-*social worker* li kienet qed tissorvelja dan il-kaz, sabiex tindaga u tistharreg fuq l-allegazzjonijiet ta' Simone Mulholland fil-konfront tat-tifel A.B. Celeste u tirrelata lil din il-Qorti fi zmien xahrejn millum; il-Qorti tirriserva li tiehu provvedimenti ulterjuri wara li jkollha dan ir-rapport.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluza dawk ta' prim istanza, ikunu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------